# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 202/2017

203/2017

**Il-Pulizija**

**(Spt. Sandra Zammit)**

**vs**

**David Agius**

**Nazzareno Cauchi**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti, David Agius, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 243953M u Nazzareno Cauchi, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 518543M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

Fil-kwalita' taghhom ta' diretturi u/jew segretarji ta' kumpanija u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta' kummercjali 'Marsalite Limited' (C338) b'indirizz registrat 'Jablo Buildings' Industrial Estate Marsa, Malta u/jew bhala l-persuni li kienu inkarigati mill-istess socjeta' kummercjali sabiex ihallsu l-pagi dovuti, naqsu li jhallsu l-pagi dovuti ghall-perijodu bejn id-19 ta' Dicembru, 2009, u l-21 ta' Jannar, 2010 ammontanti ghal €1,228.64, naqsu li jhallsu l-bonus statutorju ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2010 u l-21 ta' Jannar, 2010 ammontanti ghal €15.54, naqsu li jhallsu l-weekly allowance dovut ghall-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru, 2009 u l-21 ta' Jannar, 2010, ammontanti ghal €74.56, naqsu li jhallsu l-vacation leave dovut ghall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2010 sal-21 ta' Jannar, 2010, ammontanti ghal €71.40 u naqsu li jhallsu n-notice dovut ghall-perjodu bejn it-22 ta' Jannar, 2010 u s-16 ta' April, 2010, ammontanti ghal €3, 097.80 li b'kollox jammontaw ghal erbat elef, erbgha mija u sebgha u tmenin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€4,487.94) u li kienu dovuti lill-ex impjegat tas-socjeta' kummercjali hawn fuq imsemmija, u cioe' lil Angelo Mercieca, fil-21 ta' Jannar, 2010, meta l- impjieg tieghu gie terminat.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex ai termini tal-artikolu 45(1) tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-regolament 22 tal-Avviz Legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avviz Legali 427 tal-2007, tordna lill-imputati ihallsu l-penali skond il-Ligi, u ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap. 452 li jhallsu lil Angelo Mercieca l-ammont ta' erbat elef, erbgha mija u sebgha u tmenin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€4,487.94).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-19 ta' April, 2017 li biha sabet lill-appellanti hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u bl-applikazzjoni tal-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, illiberatom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn;

Inoltre’ ordnat lill-appellanti jhallsu lil Angelo Mercieca, detentur tal-Karta tal-identita’ numru 146154M, l-ammont ta’ erbat elef, erbgha mija u sebgha u tmenin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€4,487.94), u dan fi zmien erba snin bl-ewwel pagament issir dovut fl-ewwel ta’ Gunju, 2017 u li f’kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx hekk kif ordnat, ghandu jkun konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Rat ir-rikors ta’ David Agius (202/2017), pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti fis-27 ta’ April, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tvarja** s-sentenza appellata u billi **tikkonfermaha** ghal dik li jirrigwarda hlasijiet dovuti ghal pagi, bonus statutorji u weekly allowances skont l-ammissjoni registrata mill-appellant fis-seduta tat-13 ta’ Marzu, 2017 u **thassar u tirrevoka** dik il-parti tas-sentenza li permezz taghha l-appellant kien misjub hati li naqas li jhallas l-ammont dovuti ghal *Vacation Leave* u *Notice* u tilliberah mill-htija u piena inkwantu tirreferi ghal hlas ta’ *Vacation Leave* u *Notice*.

Rat ir-rikors ta’ Nazzareno Cauchi (203/2017), pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti fis-27 ta’ April, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti *“(1) tirrevoka in parte r-rigward tal-imputazzjoni ta’ nuqqas ta’ hlas ta’ notice lil Angelo Mercieca s-sentenza appellata u cioe’ dik ta’ l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ April, tas-sena 2017 fl-ismijiet hawn fuq premessi, (2) tilliberah mill-akkuza ta’ nuqqas ta’ hlas ta’ Notice lil Angelo Mercieca migjuba kontrih kif ukoll mill-piena u htija relattiva skont il-ligi.*”

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata ta' kull appellant esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lid-difensuri tal-appellanti u lill-Avukat Generali;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellanti intavolaw appell separatament minn xulxin izda, kif ser jirrizulta, it-tnejn huma dwar aspett partikolari tas-sentenza appellata, dik fejn sabet htija ghar-rigward ta' nuqqas ta' hlas tan-Notice Period u ghalhekk iz-zewg appelli ser ikunu trattati flimkien;
2. L-appellanti, fil-kwalita' taghhom ta' Diretturi, Segretarji jew rapprezentanti tas-socjeta' Marsalite Limited, kienu imputati bil-fatti hawn fuq riportati kawza ta' gheluq tal-fabbrika minnhom gestita frott ta' ripresa tal-fond mis-sidien. Fil-mori tal-proceduri kontra taghhom quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienu rregistraw ammissjoni fuq il-fatti kollha hlief fejn dawn jirrigwardaw l-imputazzjoni ta' nuqqas ta' hlas tan-Notice Period (ara verbal tas-seduta tat- 13 ta' Marzu, 2017 tal-Qorti tal-Magistrati a fol 101 tal-atti processwali). L-ewwel Qorti, izda, sabet htija in rigward tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghhom u ghalhekk dan l-appell huwa limitat ghas-sejbien ta' htija dwar li "**nqastu li thallsu n-notice dovut ghall-perjodu bejn it-22 ta' Jannar 2010 u s-16 ta' April 2010, ammontanti ghal €3,097.80**";
3. L-appellant **Nazzareno Cauchi** jillanja s-sentenza appellata bil-gravam ta' nuqqas ta' smiegh xieraq u bid-difiza tal-impossibilita'. Kwantu l-ewwel aggravju, huwa jargumenta illi meta l-fabbrika gestita mis-socjeta' Marsalite Limited kienet zgumbrata ma kienx fadlilhom access ghad-dokumentazzjoni rigwardanti l-kwerelant impjegat u ghalhekk ma kienx f'posizzjoni li jikkonferma l-ammont pretiz mid-Dipartiment bil-konsegwenza li kien mcahhad milli jipprezenta difiza xierqa;

4. Dan l-aggravju jirrazzenta l-fierah. L-atti processwali juru illi l-appellanti qatt ma xehdu quddiem l-ewwel Qorti u dan l-ilment kien biss verbalizzat fis-seduta tat-12 ta' Lulju 2011 u l-istess Qorti kienet ordnat li jitharrek l-awditur Charles Sciriha u rapprezentant tal-Malta Industrial Parks u wara d-deposizzjoni taghhom, kienet ordnat lil Dr. Reuben Farrugia jindika kull informazzjoni li kellu bzonn minghand ir-rapprezentant tal-MIP. (Seduta tat-28.09.2011). Inoltre, kien ezebit dokument ufficcjali tal-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig biex juri id-data tal-ewwel impjieg tal-kwerelant mas-socjeta' Marsalite Limited fejn allura huwa facilment kalkolabbli l-ammont ta' *Notice Period* li l-impjegat kien intitolat ghalih skond l-ammont ta' snin li hadem mal-istess socjeta'. Huwa tassew odjuz li l-appellant ammetta ghall-hlasijiet dovuti kwantu pagi, weekly allowances, bonus statutorju u hlas ta' vacational leave bil-granet u issa jilmenta li ma setghax jaghmel difiza dwar l-allegazzjoni ta' notice period meta tqis li dan hu bazat fuq in-numru ta' snin li l-kwerelant hadem mas-socjeta' *de quo*. Din il-Qorti ma rriskontrat ebda cirkostanza fl-atti processwali fejn l-appellant kien b'xi mod impedut milli jidderigi difiza xierqa. Dan l-aggravju ghalhekk qed ikun michud;

5. Kwantu d-difiza tal-impossibilita', l-appellant jargumenta illi il-fabbrika minnu gestita inghalqet minghajr ebda preavviz minkejja diversi weghdiet tal-Gvern li kienet ser tinsab soluzzjoni dwar il-kwistjoni tar-rilokazzjoni tal-fond. Mill-atti processwali, u minn dak li tista' tifhem il-Qorti, jidher illi s-socjeta' Marsalite kienet ghaddejja minn zmien finanzjarjament hazin u maghqud ma' din kien kemm il-kwistjoni mal-Malta Industrial Parks li ma riedux igeddu l-lokazzjoni tal-fabbrika. Gara illi f'gurnata minnhom, ghalkemm kienu ghadhom ghaddejjin xi negozjati, u apparentement l-appellanti kienu inghataw x'jifhmu illi kienet ser tinsab soluzzjoni rigward il-kirja, l-MIP zgumbrat il-fabbrika u ssigillaw il-bibieb b'mod li l-operat kollu waqaf u l-haddiema spiccaw bla xoghol. L-argument tal-appellant hu li

kawza ta' hekk kien fl-impossibilita' li jaghti avviz ta' temm ta' mpjieg lill-impjegati;

6. L-ewwel Qorti ghamlet kunsiderazzjonijiet li fil-fehma ta' din il-Qorti huma validi. L-ewwel Qorti kienet f'posizzjoni hafna ahjar minn din sabiex tevalwha s-sitwazzjoni devoluta quddiemha u dan wara li semghet ix-xhieda ghaliex quddiem din il-Qorti ma tressaq hadd biex jiddeponi u hadd ma talab li jitressqu xhieda meta dan kien indispensabbli stante li l-atti processwali ma jakkludux it-traskrizzjoni tad-deposizzjonijiet tax-xhieda. Issa, oltre dak osservat mill-ewwel Qorti, din il-Qorti zzid tosserva illi l-artikolu 36 subinciz (3) tal-Kapitolu 452 jipprovdi illi "Kuntratt ta' servizz ghal zmien bla limitu jista' jintemm, bl-ghoti ta' avviz kif specifikat fis-subartikolu (5), mill-impjegat minghajr ma jaghti ebda raguni u mill-principal, bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (14), fuq bazi ta' *redundancy biss."* Is-subinciz (10) umbaghad, u kif gustament osservat mill-ewwel Qorti, jipprovdi illi "Jekk il-principal jonqos li jaghti avviz kif imsemmi hawn qabel, huwa jkun suggett li jhallas lil dak l-impjegat somma li tkun daqs il-paga li jkun imissha tithallas dwar iz-zmien tal-avviz";

7. L-appellanti ghalhekk ma jistghux jghidu li tqieghdu f'sitwazzjoni ta' impossibilita' ghaliex il-ligi stess tipprovdi li f'kaz fejn ma jinghatax avviz ta' temm ta' mpjieg, il-principal ghandu jhallas lill-impjegat ammont rapprezentanti dak iz-zmien ta' avviz. Issa c-citazzjoni kontra l-appellati inharget f'Dicembru 2010 u jemergi illi l-fabbrika inghalqet sena qabel f'Dicembru 2009 u ghalhekk, ghad li ma setghux jaghtu avviz ta' temm ta' impjieg, huma kellhom sena sabiex joffru l-ekwivalenti fi hlas lill-kull impjegat qabel ikunu imputati b'dan ir-reat. Jidher ukoll illi l-eghluq tal-fabbrika ma kienx wiehed subitaneu u kien soggett ghal negozjati fit-tul u l-prospettiva tal-eghluq kienet dejjem ezistenti tenut il-qaghda finanzjarja tal-kumpanija.

8. Tosserva ukoll din il-Qorti illi fl-ilment tieghu, l-appellant ma jghidx li kien fl-impossibilita' li jhallas l-ekwivalenti tan-Notice Period izda li kien fl-impossibilita' li jaghti l-avviz. Din il-Qorti ma tistghax

tifhem kif l-appellant ma jaqbilx mal-konsiderazzjoni tal-ewwel Qorti li kien fil-mansjoni tal-kumpanija li tikkontempla l-istralc u fl-istess waqt jirrikonoxxi li kienet f'sitwazzjoni finanzjarja hazina b'dejn konsiderevoli tant li giet f'sitwazzjoni ta' falliment;

9. L-appellant **David Agius**, jillanja s-sentenza appellata bil-gravami tad-difiza tal-impossibilita' kif ukoll li l-prosekuzzjoni ma' resqitx il-prova li n-nuqqas tieghu kien wiehed intenzjonali;

10. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, izda, irid jinghad illi huwa jilmenta dwar is-sentenza appellata fejn din sabitu hati ta' nuqqas ta' hlas ta' ***Vacational Leave*** u tan-***Notice Period***. Issa kif gia osservat *supra*, l-ammissjoni u obbligazzjoni tieghu li jhallas nofs l-ammont dovut, kif registrata fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 20017 kienet **dwar l-imputazzjonijiet kollha bl-eccezzjoni tan-*Notice Period***. Il-verbal tas-seduta jaqra hekk: "Dr. Reuben Farrugia ghall-imputat David Agius qed jirregistra ammissjoni u jobbliga ruhu li jhallas nofs l-ammonti imsemmija u indikati fid-dokument anness li qed jigi mmarkat bhala Dok MS1. **A skans ta' kull ekwivoku, l-ebda ammissjoni jew obbligazzjoni ma qed issir fir-rigward tal-ammonti pretizi bhala hlas ghan-notice period kif indikati fl-akkuzi relattivi**" (enfazi ta' din il-Qorti). Id-dokument MSI, li allura jaqbel mieghu l-appellant Agius, jirraprezenta l-ammont dovut lill-impjegat Angelo Mercieca fl-ammont ta' €1,390.14, igifieri l-ammonti kollha minnu pretizi, inkluz allura l-Vacational Leave u eskluz biss in-Notice Period. L-appellant Agius ghalhekk ma jistghax issa jappella fuq sejbien ta' htija dwar nuqqas ta' hlas ta' *Vacational Leave* u t-talba tieghu kwantu diretta biex timpunja s-sentenza f'dan l-aspett hija michuda u l-konsiderazzjonijiet segwenti ser jitrattaw biss s-sejbien ta' htija dwar in-*Notice Period*;

11. Ghal dak li jirrigwarda l-impossibilita' tal-appellant li jaghti l-avviz ta' temm ta' mpjieg, din il-Qorti tirreferi ghall-kunsiderazzjonijiet taghha meta trattat dwar dan il-gravam sollevat mill-appellant Cauchi;

12. It-tieni aggravju tal-appellant David Agius huwa marbut qrib hafna mad-difiza tal-impossibilita' meta jghid li l-prosekuzzjoni ma ressqitx dik il-prova 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li huwa naqas intenzjonalment milli josserva l-obbligi tieghu emergenti mill-Kapitolu 452, fi kliem iehor li jaghti avviz ta' temm ta' impjieg jew ihallas l-ekwivalenti tieghu. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, is-sitwazzjoni finanzjarja u dik prettament marbuta maghha tal-lokazzjoni tal-fabbrika, ma kienitx kwistjoni li waqghet f'hogor l-appellanti mill-lejl ghal-nhar u kienet ilha tinhema. Huma kellhom diversi xelti x'jaghmlu ghall-gid ta' kullhadd kompriz dawk tal-impjegati taghhom li setghu ifittxu xoghol alternattiv li kieku infurmati bir-realta. Minflok, l-appellanti ghazlu li jibqghu jittamaw li kollox jitranga b'wicc il-gid izda wisq drabi it-tama wahidha ma hijiex bizzejjed b'mod partikolari fis-settur finanzjarju u r-rejalta tkun hafna drabi ostakolata minn vizzjoni aktar ottimista. Dak li l-prosekuzzjoni kellha tipprova f'dawn il-proceduri li wisq drabi kienu deskritti bhala *quasi* civili, kien li l-impjieg tal-kwerelant intemm minghajr avviz u li ma inghata ebda kumpens in sostituzzjoni tieghu. L-argument tal-appellant ghalhekk mhux qed ikun akkolt;

13. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell ta' David Agius numru 202/2017 u dak ta' Nazzareno Cauchi numru 203/2017 qed ikunu michuda. Konsegwentement iz-zmien ta' hlas tal-ammont dovut lil Angelo Mercieca ta' erba' snin bil-kawteli hemm prevvisti jibda jiddekorri mil-lum.